MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 785/2002

**Eugenia Aleksandrova u Dimitri Aleksandrov.**

**Vs**

**Snezhana sive Snejhana Bodichtianou u zewgha Evgeni Bodichtianou.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentetat mill-atturi fl-20 ta' Lulju, 2002 li bih ppremettew:

Illi permezz ta' ftehim milhuq bejn il-kontendenti fl-1 ta' Settembru, 1999 l-istess kontendenti wasslu ghal transazzjoni ta' kawza li kellhom pendenti bejniethom dak

iz-zmien u cioe' il-kawza numru 792/99 RCP fl-ismijiet Evgenia Aleksandrova et –vs- Snezhana Bodichtianou, liema kawza kienet giet istitwita mill-atturi kontra l-konvenuti ghar-restituzzjoni ta' self brevi manu effettwat lill-istess konvenuti fis-27 ta' Frar, 1999 u

Illi dan il-ftehim gie redatt u konkluz fl-ufficcju tal-avukat tal-konvenuti Dr Edward Debono, u

Illi skond l-istess ftehim il-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm4,016 (erbat elef u sittax il-lira maltija) u s-somma ta' USD 30,750 (tlettin elf lira seba mija u hamsin dollaru amerikan), u

Illi l-konvenuti ghad fadlilhom jhallsu lill-atturi s-somma ta' USD 17650 (sbatax il-elf sitt mija u hamsin dollaru amerikan) jew l-ekwivalent ta' din is-somma f' liri Maltin li bir-rata odjerna tekkwivali ghas-somma ta' Lm7510 (sebat elef hames mija u ghaxar liri) approssivament, u

Illi interpellati ihallas is-somma dovuta minnhom, il-konvenuti baqghu inadempjenti, u

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u jissussistu r-rekwiziti ta' dak kontemplat fl-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh.

Ghalhekk l-atturi jitolbu lill-din Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza bis-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundannhom ihallsu lill-atturi s-somma ekwivalenti f' liri Maltin ta' USD 17650 (sbatax il-elf sitt

mija u hamsin dollaru amerikan) bir-rata applikabbli l-aktar favorevoli ghall-atturi fid-data tas-sentenza u dan bhala bilanc ta’ ammont li l-konvenuti accettaw li jhallsu lill-atturi skond il-ftehim tal-1 ta’ Settembru, 1999.

Bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta’ Settembru, 1999 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tas-16 t’ Ottubru, 2000 u tal-21 ta’ Gunju, 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1424/02 kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa ta’ l-atturi.

Rat li l-konvenuti naqsu li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk huma kontumaci skond il-Ligi.

Rat in-nota ta’ l-atturi li permezz taghha cedew il-kawza fil-mertu izda jzommu ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Rat il-verbal ta’ llum stess li bih l-Avukat ta’ l-atturi talbet li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Rat l-atti kollha u senjatament id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi.

**Tiddeciedi** l-kawza billi filwaqt li ma’ tiehux konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici rigward il-mertu, **tikkundanna lill-konvenuti** ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------